MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Numru. 478/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IVAN CILIA**

**KONTRA**

**AZAWAM AZAWAM ATWAIR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Azawam Azawam Atwair ta' 41 sena, bin Azawam Atwair u Aisha, mwieled Khoms, Libya, nhar il- 5 ta' Frar 1968, residenti fil- fond 109, Yale, Flat 8, Triq Pierre Muscat, Rabat, Malta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 319496(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) f’ Jannar 2003 u fix- xhur ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l- Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad- dannu ta’ Donald Attard u Christopher Attard;

2) u aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, u cioe’ minn container b’cigarette lighters ghal valur ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), li gie fdat jew ikkunsinnjat lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal- haga jew li jsir uzu minnu specifikat, jew minhabab l- professjonik industrija, kummerc, amministrazjoni, kariga jew servizz tieghu;

3) u aktar talli fl- istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, bl- imgieba tieghu, ikkaguna lil haddiehor biza’ li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l- propjeta’ tieghu jew kontra l- persuna jew il- propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl- Artikolu 222 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat u l-parte civile Donald Attard kienu ghamlu negozju bejniethom ghax-xiri u bejgh eventwali ta' konsenja "lighters" gewwa l-Libja. In-negozju kien jikkonsisti fix-xiri ta' "container" shih ta' "lighters", u dan jitwassal il-Libja u jinxtara minn persuni ohra fil-Libja, biex b'hekk l-imputat u l-parte civile jkunu ghamlu qligh minn fuq dan il-bejgh. Mid-dokumenti u xhieda prodotta jidher li l-merkanzija inxtrat u ttiehdet il-Libja fejn kellha tinbiegh lil terzi, izda ghal xi raguni dan in-negozju sfaxxa, u l-flus li ntefqu biex inxtraw il-"lighters" in kwistjoni baqghu ma gewx irkuprati. Il-parte civile istitwixxa proceduri civili fil-konfront tal-imputat, izda xorta ma rkuprax il-flus tieghu. Sussegwentement infethet din il-kawza kriminali, u cioe' wara hames snin,

Mill-provi prodotti l-Qorti ma tarax li l-imputat wettaq reat b'dan in-negozju li falla. Ma rrisultax li kien hemm il-messa in xena rikjesta mil-ligi biex tirrisulta l-imputazzjoni tal-frodi fil-kummerc, u l-anqas ma rrisulta li l-imputat kellu intenzjoni frawdolenti fil-partecipazzjoni tieghu f'dan in-negozju. Huwa inverosimili li persuna li tiffroda lil haddiehor taccetta li ghandha taghti flus u terfa' r-responsabilita' kummercjali taghha b'dak il-mod. Kieku veru kien hemm frodi jew qligh b'qerq, il-persuna li twettaq reat hekk tipprova tahbi l-passi taghha biex il-qligh jibqa' ghandha, u mhux tammetti li ghandha debitu dovut fuq negozju. L-anqas ma rrisultat l-imputazzjoni li Attard gie mhedded bi vjolenza u li minhabba f'hekk kellu biza' li ha tintuza vjolenza fuqu; l-anqas id-data ta' meta' sar dan it-theddid –jekk verament sar - ma rrisulta. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat m'ghandux jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310 u 251 (B) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------